# BIRKIRKARA - *Bella e Cara*



## Mill-Kavallier Frank Borda Vassallo

Huwa diffiċli ferm biex titkellem fuq subborg kbir u ta' storja fi ftit versi. Però f'dan l-artiklu sejrin nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-istorja ta' Birkirkara u dak li kienet u għadha tħaddan.

Wieħed mid-distretti l-kbar li fl-imgħoddi kienu jħaddnu magħhom għadd ġmielu ta' rħula oħra huwa Birkirkara. Il-limiti tagħha minbarra dak li għadha tħaddan sal-lum, kienu jinfirxu sat-Tliet Irħula, Santa Venera, biċċa mill-Ħamrun, l-Imsida, tas-Sliema, San Ġiljan u l-Gżira. Kellha limiti kbar tassew bħalma wieħed jista' jara għaliex kienet taħkem fuq kważi kwart ta' Malta. Meta l-popolazzjoni bdiet tikber u waħda wara l-oħra xi Knisja bdiet tinbet 'l hawn u 'l hinn fl-inħawi li semmejna inħasset il-ħtieġa li dawn jitwaqqfu bħala Parroċċa għalihom. La darba kien hemm nies biżżejjed li setgħu iżommuhom, allura dawn setgħu jwaqqfu Parroċċa għalihom u ma jkollhomx x'jaqsma aktar mal-Matriċi tagħhom.

Birkirkara llum tista' tgħid li nbniet kollha u madwarek ma tarax għajr bini ġdid. Għandek issib lukanda li kienet issemmiet Wignacourt għal isem il-Gran Mastru li bena l-akwadott. Biswit dan l-akwadott għandek issib il-Birrerija ta' Farsons, waħda mill-fabbriki ewlenin f'Malta.

Meta s-subborg kien igawdi il-ġurisdizzjoni fuq għadd ġmielu ta' Rħula, in-naħa l-aktar popolata ma kinetx fejn hi llum. Fl-inħawi ta' l-Għargħur li hu l-isem mogħti lil għadd kbir ta' siġar ta' Għargħur li hu ġinepru. Fiż-żmien li semmejna kien igawdi ċ-ċentru ta' dan id-distrett bi Knisja fih li għadha msemmija bħala Santa Margerita ta' Għargħar. Illum din in-naħa reġgħet infirdet minnhom u twaqqaf distrett għalih u flimkien ma' biċċa oħra minn San Ġiljan ħa l-isem ta' San Ġwann. Dan il-post ħa dan l-isem, minħabba li teżisti Knisja ddedikata għal dan il-qaddis.

F'Birkirkara wkoll nsibu parti mis-subborg li għadu jżomm il-ħajja tradizzjonali maltija. Bħala arma għandna Salib Aħmar b'kuruna Mperjali. Il-motto ta' Birkirkara huwa IN HOC SIGNO VINCES (B'dan is-Sinjal Tirbaħ).

Birkirkara huwa wieħed minn sensiela ta' distretti li quddiem isimhom jieħdu l-kelma BIR jew BUR. Fuq isem id-distrett inkiteb wisq u kważi kulħadd rabat dan l-isem ma' l-ilma. Min semma wied ta' ilma li jkarkar, min Bir Kiesaħ u anke hawn min rabat l-isem ta' Birkirkara ma' Kalkara tal-Ġir.

Jien ngħid biss li hi ħaġa iebsa mhux ftit titkellem dwar pajjiżi li eżistew qabel l-1436. Hemm għadd ta' kappelli antiki ta' min ifaħħarhom barra l-Knisja Parrokkjali li hija xogħol il-Perit Duminku Cachia fl-1700. Ta' min isemmi l-Knisja l-Qadima li qed isir minn kollox sabiex terġa' titla' kif kienet qabel ma ġġarfilha s-saqaf.

Il-Kwadru titulari ta' Sant'Elena sar minn Franġisku Zahra u l-Istatwa ta' Sant'Elena ħadimha l-iskultur bravu Salvatore Psaila.

Insibu żewġ torrijiet li kienu saru fiż-żmien il-Gran Mastru Perellos. L-ewwel wieħed hu t-Torri Wejter li nbena fl-1710 bħalma kienu nbnew oħrajn bħalu fuq il-pariri tal-Kavallier Franċiż D'Argens u l-Kaptan Faulet, minħabba li l-irħula tagħna xejn ma kienu mħarsin daqskemm kienu mħarsin mix-xtut. Hemm ukoll it-Torri ta' Għar il-Ġobon li flimkien ma' ta' qablu kien jagħmel sehem mill-istess difiża. Fil-bidu ta' l-1968 it-Torri tal-Wejter bdew iħottuh u dan sar skond ma jingħad mingħajr il-permess tal-Bord ta' l-Antikitajiet. Birkirkara mhix nieqsa mill-fdalijiet li ttellgħu mill-art. Waħda mill-akbar sejbiet saret fl-1962 meta Frances Mallia direttur tal-Mużew u Dr. Trump sabu fdalijiet ta' bhejjem li kellhom mal-500 sena. Instabu bosta oġġetti oħra u fosthom oqbra KARTAĠINIŻI, FENIĊI, PUNIĊI u RUMANI.

F'Birkirkara l-edukazzjoni minn dejjem ingħatat priorità infatti f'Birkirkara nsibu diversi Skejjel, fosthom il-Kulleġġ ta' San Alwiġi, l-Iskola Teknika Sekondarja li saret fl-1932 u l-Iskola tal-bniet mibnija fl-1966.